PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

25.2.2014 B7-0217/2014

# MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela
(2014/2600(RSP))

**Véronique De Keyser, Luis Yáñez-Barnuevo García, María Muñiz De Urquiza**
f'isem il-Grupp S&D

**B7-0217/2014**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela (2014/2600(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar is-sitwazzjoni fil-Venezwela,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà tal-14 ta' Frar 2014,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi titqies is-serjetà tas-sitwazzjoni attwali fil-Venezwela u, b'mod partikolari, l-inċidenti li seħħew fit-12 ta' Frar, fejn protesti kontra s-sitwazzjoni soċjali ddeġeneraw u fejn inqatlu mill-inqas 10 persuni u ndarbu u ġew arrestati bejn 500 u 600 persuna;

B. billi jitqiesu t-tensjoni politika u l-eskalazzjoni fil-vjolenza fil-pajjiż kollu li għalihom huma responsabbli gruppi armati klandestini li jisparaw fuq id-dimostranti fit-toroq ta' Karakas u fil-bqija tal-pajjiż mingħajr punizzjoni;

C. billi titqies ir-ripressjoni eżerċitata b'mod partikolari kontra l-istudenti, il-ġurnalisti u l-mexxejja tal-oppożizzjoni, li ġew ippersegwitati u li tilfu l-libertà tagħhom;

D. billi l-libertà tal-espressjoni u d-dritt tal-parteċipazzjoni fi protesti paċifiċi jikkostitwixxu elementi bażiċi tad-demokrazija, u l-ugwaljanza u l-ġustizzja għal kulħadd mhumiex possibbli mingħajr l-eżistenza tal-libertajiet fundamentali u r-rispett tad-drittijiet taċ-ċittadini kollha;

E. billi, minkejja r-riżervi kbar ta' żejt tagħha, il-Venezwela tinsab f'sitwazzjoni ekonomika ferm diffiċli, karatterizzata, fost affarijiet oħra, minn rata ta' inflazzjoni għolja ħafna u nuqqas ta' forniment ta' elementi bażiċi, u dan ikompli joħloq inugwaljanzi soċjali kbar u huwa sors ta' kunflitti u skontentezza tal-poplu b'mod ġenerali;

F. billi huma biss ir-rispett tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali, djalogu kostruttiv u rispettuż u tolleranza li jistgħu jgħinu lill-pajjiż sabiex joħroġ minn din il-kriżi serja u jegħleb id-diffikultajiet futuri;

1. Jikkundanna l-atti ta' vjolenza u b'mod partikolari t-telf ta' ħajjiet matul il-protesti paċifiċi tat-12 ta' Frar 2014; jippreżenta l-kondoljanzi sinċieri tiegħu lill-familji tal-vittmi;

2. Jesiġi li tieqaf il-vjolenza u jitlob li jkun hemm djalogu bejn il-forzi politiċi kollha għall-garanzija tal-protezzjoni u tas-sigurtà taċ-ċittadini u biex il-pajjiż jerġa' lura għal sitwazzjoni ta' kalma u normalità;

3. Jitlob lill-awtoritajiet Venezwelani biex b'mod immedjat jaħtfu l-armi tal-gruppi armati u jxoljuhom filwaqt li jtemmu l-impunità tagħhom u jesiġu li jiġu ċċarati l-każijiet ta'

delitti mwettqa;

4. Iħeġġeġ lill-Gvern Venezwelan jistabbilixxi djalogu demokratiku u kostruttiv u li jirrispetta d-drittijiet ċivili u l-libertajiet fundamentali, sabiex il-pajjiż jitreġġa' lura lejn solidità istituzzjonali u ġuridika u jegħleb id-diffikultajiet li jinkwetaw lill-poplu Venezwelan;

5. Jitlob lill-awtoritajiet governattivi biex jeħilsu lis-600 dimostrant li bħalissa jinsabu detenuti, b'mod partikolari l-istudenti, il-mexxejja tal-oppożizzjoni, il-ġurnalisti u d-dimostranti paċifiċi;

6. Ifakkar fl-importanza tar-rispett tal-libertà tal-espressjoni u tal-libertà li wieħed jipprotesta b'mod paċifiku, billi dawn jikkostitwixxu l-bażi ta' tħaddim tajjeb ta' stat demokratiku;

7. Jenfasizza li r-rispett tal-libertà tal-istampa, tal-informazzjoni u tal-opinjoni kif ukoll tal-pluraliżmu politiku jikkostitwixxu bażi fundamentali tad-demokrazija;

8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lill-Assemblea Parlamentari EuroLat, lis-Segretarjat Ġenerali tal-OAS, kif ukoll lill-Gvern u lill-Assemblea Nazzjonali tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela.